A.L. 73 tal-2026

ATT DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL (KAP. 449)

Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Għasel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 tal-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-Ministru responsabbli mill-ikel għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, għan u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 li jemendaw r-Regolamenti Dwar l-Għasel u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Għasel, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 449.38.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li jittrasponu d-Direttiva (UE) 2024/1438 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 2001/110/KE li tirrigwarda l-għasel, 2001/112/KE li tirrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum uman, 2001/113/KE li għandha x'taqsam mal-ġamm tal-frott, il-ġelatini u l-marmellati u mal-purejiet tal-qastan mogħtija l-ħlewwa maħsuba għal konsum mill-bniedem, u 2001/114/KE rigward ċertu ħalib ippreżervat disidratat in parti jew kollu għall-konsum tal-bniedem.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-14 ta' Ġunju 2026.

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara r-regolament 1.3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud dan ir-regolament ġdid li ġej:

"1.4 Dawn ir-regolamenti jimplimentaw ukoll id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2024/1438/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2001/110/KE dwar l-għasel.".

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 2.4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud dan ir-regolament ġdid li ġej:

"2.5 Prodotti li jitqiegħdu fis-suq jew jiġu ttikkettjati qabel l-14 ta' Ġunju 2026 skont id-Direttiva 2001/110/KE relatata mal-għasel jistgħu jibqgħu jinbiegħu sakemm jispiċċaw l-istokkijiet.".

Jissostitwixxi r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi għandu japplika għall-prodotti mfissra fl-Ewwel Skeda taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:".

Jissostitwixxi r-regolament 4.2 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 4.2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"4.2. L-ismijiet tal-prodotti msemmija fil-paragrafi 2 u 3 tal-Ewwel Skeda, għandhom japplikaw biss għall-prodotti mfissra hemmhekk u għandhom jintużaw fil-kummerċ sabiex jiddentifikawhom. Dawk l-ismijiet jistgħu jkunu sostitwiti permezz tal-isem sempliċi tal-prodott "għasel", ħlief fil-każ ta' għasel tax-xehda, għasel fi blokki jew maqtugħ mix-xehda u għasel biex jinħadem:

Iżda:

(a) fil-każ ta' għasel biex jinħadem, il-kliem 'maħsuba għat-tisjir biss' għandhom jidhru fuq it-tikketta qrib l-isem tal-prodott;

(b) ħlief fil-każ ta' għasel biex jinħadem, dawk l-ismijiet jistgħu jiġu ssupplimentati b'informazzjoni rigward:

- l-oriġini tal-għasel minn fjuri jew ħxejjex, jekk il-prodott ġej kollu jew prinċipalment mis-sors indikat u jkollu l-karatteristiċi organolettiċi, fisikokimiċi u mikroskopiċi tal-oriġini indikata;
- oriġini reġjonali, territorjali jew topografika, jekk il-prodott ġej kollu mis-sors indikat;
- kriterji speċifiċi ta' kwalità.".

Jissostitwixxi r-regolament 4.4 tar-regolamenti prinċipali.

6. Ir-regolament 4.4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi

sostitwit b'dan ir-regolament ġdid li ġej:

"4.4 Il-pajjiż ta' oriġini fejn inġabar l-għasel għandu jkun indikat fuq it-tikketta. Jekk l-għasel joriġina f'aktar minn pajjiż wieħed (1), il-pajjiżi ta' oriġini fejn ikun inġabar l-għasel għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta fil-kamp viżiv prinċipali, f'ordni dixxendenti tal-ismha tagħhom fil-piż, flimkien mal-perċentwal li jirrappreżenta kull wieħed (1) minn dawk il- pajjiżi ta' oriġini. Għandha tkun permessa tolleranza ta' ħamsa fil-mija (5%) għal kull sehem individwali (1) fit-taħlita, ikkalkulata abbażi tad-dokumentazzjoni dwar it-traċċabbiltà tal-operatur:

Iżda fir-rigward tal-għasel introdott fis-suq lokali, fejn l-għadd ta' pajjiżi ta' oriġini tal-għasel f'taħlita jkun aktar minn erbgħa (4), u l-akbar erba' (4) ishma li jirrappreżentaw aktar minn ħamsin fil-mija (50%) tat-taħlita, għandhom jiġu indikati bil-perċentwal biss dawk l-akbar erba' (4) ishma, u li l-bqija tal-pajjiżi ta' oriġini għandhom jiġu indikati f'ordni dixxendenti mingħajr perċentwal:

Iżda wkoll fil-każ ta' pakketti li jinkludu kwantitajiet netti ta' għasel ta' inqas minn tletin gramma (30g), l-ismijiet tal-pajjiżi ta' oriġini jistgħu jiġu sostitwiti b'kodiċi b'żewġ (2) ittri, f'konformità mal-aħħar verżjoni tal-kodiċi b'żewġ ittri (alfa-2) tal-istandard internazzjonali ISO 3166–1 fis-seħħ.".

7. Ir-regolament 4.5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej: Jissostitwixxi r-regolament 4.5 tar-regolamenti prinċipali.

"4.5. Id-dettalji li għandhom jiġu indikati skont is-subartikolu (a) tar-regolament 4.2 għandhom jitqiesu dettalji obbligatorji f'konformità mal-artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.".

8. Ir-regolament 4.6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej: Jissostitwixxi r-regolament 4.6 tar-regolamenti prinċipali.

"4.6. Fil-każ ta' għasel biex jinħadem, il-konteniturі bil-kwantità, l-imballaġġ u d-dokumentazzjoni tal-bejgħ għandhom jindikaw b'mod ċar l-isem sħiħ tal-prodott kif stipulat fil-paragrafu 3 tal-Ewwel Skeda."

9. Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi Jissostitwixxi r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"5. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fid-Direttiva (UE) 2024/1438 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2001/110/EC:

Iżda sal-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni rilevanti, l-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel għandha, fejn possibbli, tuża metodi ta' analiżi validati rikonoxxuti internazzjonalment bħal dawk approvati mill-Codex Alimentarius sabiex jivverifikaw il-konformità mad-Direttiva 2001/110/EC.".

Jemenda l-Ewwel Skeda mar-regolamenti prinċipali.

10. L-Ewwel Skeda li tinsab annessa mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) is-subpartita (viii) tal-partita 2(b) tagħha għandha tiġi mħassra;

(b) fil-paragrafu (b) tal-partita 3 tagħha l-kliem "kien imsaħħan wisq," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "kien imsaħħan wisq, jew";

(ċ) minnufih wara l-partita 3 tagħha, kif emendata, għandha tiġi miżjuda l-partita ġdida li ġejja:

"- kien miksub bit-tneħħija ta' materjal organiku jew mhux organiku b'tali mod li jirriżulta fit-tneħħija sinifikanti ta' trab tad-dakra.".